MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1668/1999/1

Citazzjoni Nru.  1668 / 99NC

Kawza fil-lista:  40

**Herbert Messina Ferrante u martu Elizabeth ghal kull interess li  jista' jkollu fil-ligi**
**Vs**
**Coronato Galea u martu Maria Magdalena Galea ghal kull interess li  jista' jkollha fil-ligi**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Premess li l-kontendenti kienu nvoluti f'incident awtomobilistiku li okkorra fis-27 ta' Novembru, 1998 fil-By-Pass ta' Hal Qormi, l-Imriehel, meta l-attur Herbert

Messina Ferrante, zewg l-attrici kien qieghed isuq vettura tal-kiri mentri l-konvenut Coronato Galea, zewg il-konvenuta l-ohra, kien qieghed isuq il-vettura KAS 443.

Premess li dan l-incident okkorra bi htija esklussiva tal-konvenut Coronato Galea stante li kien qieghed isuq il-vettura fuq imsemmija b’negligenza, traskuragni, b’imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Premess li b’konsegwenza ta’ dan l-incident l-attur Herbert Messina Ferrante sofra feriti ta’ natura permanenti fil-persuna tieghu u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors ta’ din il-kawza;

Premess li l-attur sofra, qieghed isofri u ghad irid isofri d-danni;

Premess li l-konvenut Coronato Galea interpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqa’ inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija

1. tiddikjara li l-incident awtomobilistiku fuq imsemmi li okkorra bejn il-kontendenti Herbert Messina Ferrante u Coronato Galea fis-27 ta’ Novembru, 1998 fil-By-Pass ta’ Hal Qormi, l-Imriehel, okkorra bi htija unika u esklussiva tal-konvenut imsemmi;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut Herbert Messina Ferrante, okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li l-incident *de quo* sehh minghajr ebda htija jew nuqqas da parti ta’ l-eccipjenti Coronato Galea, izda sehh unikament minhabba cirkostanzi illi l-eccipjenti ma kellu ebda kontroll fuqhom.

2. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, mhux minnu illi l-attur Herbert Messina Ferrante sofra xi dizabilita’ permanenti bhala rizultat ta’ l-incident *de quo* u ghalhekk isegwi wkoll illi qatt ma jista’ jkun hemm xi danni x’jigu likwidati fil-konfront tieghu.

Rat ir-rapport tal-perit gudizzjarju l-Konsulent Mr.Carmel Sciberras minnu debitament mahluf fid-29 ta’ Mejju 2001;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-proceduri odjerni originaw minn incident tat-traffiku li sehh fis-27 ta’ Novembru 1998 ghal habta tat-8.30 am fil-by pass ta’ Hal Qormi fl-Imriehel bejn il-vettura tal-ghamla Toyota Starlet numru DAK 256 mikrija ghand l-attur u misjuqa mill-istess, u l-vettura tal-ghamla Cortina bin-numru KAS 443.

Iz-zewg vetturi kienu t-tnejn gejjin mill-istess direzzjoni cioe’ minn dik ta’ H’ Attard sejrin lejn id-direzzjoni opposta u misjuqa fuq il-karreggjata ta’ barra. Il-post fejn sehh l-incident huwa vicin il-pont li hemm qabel ma taqbad l-istabbiliment Flamingo Stores sitwat f’ dik il-parti tat-triq. Il-konfigurazzjoni tat-triq hija wahda dritta u wiesa’ tali li tippermetti vizwali fit-tul, u huwa notorju li f’ dak il-hin f’ gurnata tax-xoghol tkun piuttost traffikuza b’ ringiela ta’ vetturi sejrin fid-direzzjoni tal-Marsa, tal-Hamrun, tal-Belt u

anki tas-Sliema.[1] It-triq kienet imxarrba bix-xita li kienet niexla rxiex.

Mill-provi migjuba ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti dwar id-dinamika ta' l-incident. Meta l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu bi speed baxx hafna [30km fis-siegha] wara ringiela ta' karrozzi li kienu ghaddejjin fit-traffiku fid-direzzjoni tal-Belt, hin minnhom, meta kien wieqaf jew kwazi wieqaf, dahlet go fih, minn wara, il-vettura misjuqa mill-konvenut. Dan minn naha tieghu spjega li huwa kien miexi "ezatt wara"[2] vann Transit tant li ma setghax jara t-traffiku li kien hemm quddiemu, meta hin minnhom il-van dahal fil-karreggjata ta' gewwa u l-konvenut sab quddiemu l-vettura misjuqa mill-attur. Huwa prova inutilment jiskapula din il-vettura. B' hekk saret il-kollizzjoni.

A tempo vergine, fuq il-post ta' l-incident, il-konvenut qal lill-pulizija li meta l-van Transit dahal fil-karreggjata l-ohra, huwa " billi ma ndunax mill-ewwel li l-vettura DAK 256 [misjuqa mill-attur] kienet wieqfa hu applika l-brake tard u sfortunatament il-vettura tieghu ma zammitx fil-hin …"[3].

Fl-affidavit tieghu l-konvenut spjega ulterjorment li meta hu sab il-vettura quddiemu "kwazi wieqfa" hu ma rnexxielhux jwaqqaf fil-hin biex jevita l-kollizzjoni, kemm ghax l-art kienet mxarrba, kif ukoll ghax "ma kienx hemm distanza bizzejjed bejni u l-karrozza ta' quddiemi biex nieqaf fil-hin."[4] Huwa sostna li kien miexi bi speed normali.

Illi, kif jirrizulta mill-iskizz[5] tal-pulizija, il-vettura misjuqa mill-attur spiccat fuq ic-centre strip, filwaqt li dik misjuqa mill-konvenut spiccat fil-parti l-kbira taghha fuq il-karreggjata l-ohra.

Illi rizultat ta' dan l-incident l-attur sofra lezjonijet li rrizultaw f' dizabilita' permanenti li giet kwantifikata mill-

---

[1] Il-Qorti kif presjeduta hija familjari hafna ma' din it-triq.
[2] Affidavit – fol.186
[3] Depos. Ps1219 Charles Zammit – fol.100
[4] Fol.186
[5] Fol.115

espert mediku fl-ammont ta’ 15%, u danni ohra skond dokumenti minnu esebiti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi in vena legali huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:-
[1] huwa l-obbligu ta’ kull sewwieq li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. “Keeping a proper look out, means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happening in one’s immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road from side to side” *[Mewhaus vs Bastion Insurance Limited]*

Dan l-obbligu huwa korollari ghal-princiju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn *bonus pater familias* u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkostanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku, id-dawl, il-vizwali, il-kondizzjonijiet atmosferici, l-istat ta’ l-art u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta’ attenzjoni gholi mis-sewwieq. Huwa ghandu wkoll jissikura f’ kull waqt li s-sewqan tieghu jkun tali li jkollu kontroll shih tal-vettura misjuqa minnu.

[2] Id-difiza tas-sudden emergency ma tistghax tigi sollevata b’ success meta kien hemm “qabel” vjolazzjoni mill-parti tad-driver, ghax allura jkun hu stess li holoq l-emergenza b’ dik li tissejjah self created incapacity in kwantu li ma setghax izomm a tempo stante li kien miexi bi speed zejjed. *[App.Krim. [WH] Il-Pulizija vs Capt.Arthur Gera [1958] Vol.XLII.IV.1542]*

[3] Illi in materja ta’ provi u senjatament dwar il-valur propatorju tal-iskizz tal-pulizija, gie ritenut fil-kawza App.Inf. [PS]Carmelo Scerri vs Esther Darmanin deciza 20 ta’ Ottubru 2003, li “Huwa indubitat li f’ kazijiet ta’ kollizzjoni l-iskizz dejjem gie meqjus bhala element importanti tal-provi, ad eccezzjoni tas-sitwazzjonijiet fejn ikun jidher ovvju illi dan ma jkunx gie redatt sewwa u jkun jonqsu indikazzjonijiet li ma jistghux jitqiesu traskurabbli. L-importanza ta’ dan id-dokument giet ravvizata anke fil-

kaz fejn dan ma jkunx gie mahluf mis-surgent li rredigieh. Ghax anke fejn dan hu l-kaz ‘hu wkoll veru li dan gie ppreparat in situ u a tempo vergine u hadd ma ressaq dubbju dwar l-integirta’ tas-surgent. Dan ta’ l-ahhar huwa recorder tar-*res gestae* u hu fid-dover qabel xejn, bhala parti mill-investigazzjoni tieghu, li jigbor il-fatti relevanti kif irrizultawlu materjalment u jirregistrahom fl-iskizz ta’ l-okkorrenzza. Allura meta l-iskizz ikun maghmul b’ mod professjonali, u fejn indikat to scale jew almenu bl-esatezza, l-qisien importanti, u ma jkunx hemm kontestazzjoni dwaru mill-partijiet in kawza, dan l-ikizz ghandu jittiehed li jghamel prova ta’ dak li juri’ *[App.Carmel Camilleri vs Leone Pillow deciz 7 ta’ Ottubru 1997]*. “Skizz maghmul professjonalment ghandu jittiehed bhala prova ta’ dak li juri” *[PA[TM] Joseph Perisci Calascione vs Sergio Farrugia – 3 ta’ Lulju 2003]*

***Osservazzjonijiet fil-meritu***

[1] Illi fl-ewwel lok jgi osservat li mill-provi ma jirrizulta xejn censurabbli fis-sewqan ta’ l-attur, kemm jekk kien miexi bil-mod, kif il-Qorti hija propensa li temmen, kif ukoll jekk kien wieqaf it-traffiku. Il-provi juru li dan kien qieghed fuq in-naha tieghu tat-triq fuq wara tal-linja tat-traffiku jsegwi l-istess linja, meta f’ daqqa wahda hass tamponament minn naha ta’ wara. In propositu ghandu jigi osservat li l-versjoni tal-konvenut[6] li l-attur kien wieqaf jew kwazi wieqaf wahdu maqtugh mill-linja tat-traffiku hija meqjusa minn din il-Qorti bhala inverosimili u inattendibbli. Inoltre, l-fatt li l-atur kien qed izomm certu distanza mill-karrozza ta’ quddiemu fil-linja tat-traffiku, hija manuvra li turi prudenza u mhijex censurabbli.

Ghandu ghalhekk jirrizulta car li r-rizoluzzjoni ta’ dan l-aspett tal-kawza timpernja fuq ezami tas-sewqan tal-konvenut bil-ghan li jigi stabbilit jekk dan is-sewqan kienx tali li ghandu jgorr mieghu r-responsabbilita’ ghall-akkadut; responsabbilita’ bazata fuq mankanzi tal-konvenut fid-dmirijiet legali tieghu bhala sewwieq.

[6] Moghtija fl-affidavit tieghu

[2] Illi jirrizulta ex admissis mill-konvenut li dan kien qed isuq vicin hafna tal-van li kien ghaddej quddiemu, [fi kliemu stess "ezatt wara"[7]], b' mod li ghalhekk ma setghax jara t-traffiku li kien hemm fuq quddiem. Dan kellu bhala konsegwenza tieghu l-fatt li, meta l-van dahal fil-karreggjata l-ohra, huwa sab il-vettura misjuqa mill-attur quddiemu u ma kienx hemm distanza bizzejjed sabiex iwaqqaf il-vettura tieghu a tempo biex jevita l-kollizzjoni. Dawn il-fatti jnkolpaw lill-konvenut bl-akkadut, stante li jimmanifestaw nuqqas da parti tieghu ta' dik id-diligenza u attenzjoni li c-cirkostanzi li kien qed isuq fihom kienu jiddettaw.

Il-Qorti tosserva li meta l-konvenut kien ghaddej wara l-van huwa kellu l-obbligu li jzomm dik id-distanza minnu, mhux biss regolamentari, izda dik li kienet tippermettilu vizwali aktar ampja ta' dik il-parti tat-triq fejn huwa kien sejjer. Certament ma kienitx imprevedibbli il-manuvra li ghamel il-van li jidhol fil-karreggjata ta' gewwa, u ghalhekk il-konvenut kellu d-dmir li jirregola s-sewqan tieghu b' mod li ma jigix rinfaccjat b' sitwazzjoni li, minhabba s-sewqan tieghu, ma jkunx fil-posizzjoni li jevita l-kollizzjoni; ghax sewwieq ghandu l-obbligu li ma jpoggix lilu nnifsu f' sitwazzjoni fejn ma jkunx jista' jirreagixxi b' mod adegwat ghal xi emergenza li tista' tinholoq.

In propositu ta' distanzi bejn karrozzi misjuqa fit-triq, il-Highway Code jghid: "Do not drive too close to the vehicle in front of you. Allow a distance sufficient to enable you to pull up in an emergency. Be specially careful on a wet road or on a steep hill."[8] "When following a vehicle on the open road, leave enough space in front of you for an overtaking vehicle ….."[9]

Jigi osservat ulterjorment li jidher li f' dan il-kaz il-konvenut ippresuma li ma kienx hemm vetturi qabel il-van jew li, jekk kien hemm, dawn kienu f' distanza izjed il boghod milli kienet il-vettura tal-attur. Il-Qorti tirrileva li dan il-hsieb ma kienx gustifikat mic-cirkostanzi tal-kaz, anzi tenut kont

[7] Supra
[8] Para.56
[9] Para.57

li fit-triq dak il-hin kien hemm hafna traffiku, kien kontro indikat. F’ cirkostanzi bhal dawn sewwieq prudenti u diligenti kien [1] izomm il boghod f’ distanza itwal mill-vettura ta’ quddiemu; u [2] jsuq b’ cirkospezzjoni, u ragjonevolment kellu jipprevedi li quddiem il-van seta’ kien hemm, kif fil-fatt irrizulta li kien hemm, vetturi f’ dik il-parti tat-triq.

Il-Qorti tosserva li l-konfigurazzjoni tat-triq hija tali li tippermetti lis-sewwieq prudenti li jinduna, anke mill-boghod, li vicin il-pont kien qed jingemgha t-traffiku – haga li tigri kwotidjanament f’ din il-parti tat-triq. Dan huwa ammess mill-istess konvenut meta fl-affidavit tieghu jghid li “ … kien hemm hafna karrozzi fit-triq dak il-hin, bhas-soltu, it-traffiku ma kienx wieqaf..”[10] Dan juri li l-konvenut kien konsapevoli tat-traffiku li kien hemm fit-triq, u allura multo magis kellu juza aktar attenzjoni, partikolarment meta kif mistqarr minnu stess huwa ma kienx qed jara dak li kien hemm aktar ‘ il fuq minnu minhabba l-prossimita’ tal-vettura tieghu mal-van ta’ quddiemu.

[3] Illi rigward il-fattur tal-velocita’ li biha kien ghaddej il-konvenut, jigi osservat li dan stqarr li huwa kien ghaddej bi “speed normali”[11], izda l-provi juru li l-velocita’ li biha huwa kien ghaddej kienet certament imprudenti fic-cirkostanzi li kien qed isuq fihom, tenut kont kemm tal-prossimita’ li biha kien qed isuq wara l-van, kemm tal-fatt minnu stess ammess li minhabba din il-prossimita’ ma kellux vizwali tat-triq oltre il-van, kif ukoll tal-fatt li t-triq kienet imxxarba u anke tizloq. Dawn il-fatturi kienu jiddettaw velocita’ tali li kienet tippermetti lill-konvenut jaghmel u jittermina b’ success manuvra evasiva, multo magis meta, kif stqarr hu stess, kien hemm karrozzi ghaddejjin mill-karreggjata paralleli fuq in-naha tax-xellug tieghu, u ghalhekk il-manuvra li seta’ jaghmel kienet necessarjament ristretta.

Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza, ghalkemm l-ispeed per se ma jwassalx necessarjament ghar-responsabbilita’ tas-sewwieq, jistghu pero’ jezistu cirkostanzi bhal fil-kaz

[10] Fol.186
[11] Affidavit – fol.186

prezenti, fejn l-velocita' tkun wiehed mill-kawzi prossimi li wasslu ghall-incident. Ghax l-ispeed jista' jkun eccessiv anke meta ma jiskorrix il-limiti regolamentari, izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza fic-cirkostanzi tal-mument.*[Pulizija vs Bugeja – 30.06.1962]*

Wara kollox, min ikun qed isuq, ghalkemm ma jghamilx dawk il-kalkoli matematici li huma mehtiega biex fil-Qorti jigi apprezzat u gudikat il-kaz, ghandu pero' jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku <u>d-distanzi u l-kollizzjonijiet huma kwistjoni ta' sekondi</u>; u ghalhekk is-sewwieq ghandu jirregola l-ghemil tieghu fis-sewqan konformament" u jassikura kontroll tal-vettura tieghu f' kull hin waqt is-sewqan *[App.Kriminali Pulizija vs Joseph Muscat 7.06.1995]*

[4] Illi n-nuqqas ta' diligenza fis-sewqan da parti tal-konvenut, inkluz il-fattur tal-velocita' li kien ghaddej biha, jimmanifestaw ruhhom ukoll fil-posizzjoni tal-vetturi kif spiccaw wara l-kollizzjoni. Mill-iskizz jirrizulta li bid-daqqa l-vettura misjuqa mill-konvenut ittellghet fuq ic-central strip. Dan huwa indikattiv tal-fatt li l-velocita' li biha kien ghaddej il-konvenut kienet wahda imprudenti fic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt li l-konvenut kien applika l-brakes u xorta rrizulta dak l-impatt. Inoltre, anke il-griehi konsegwenzjali li sofra l-attur minnhabba d-daqqa li qala' huma ndikattivi ta' dan il-fatt, kunsidrat wkoll il-fatt li l-attur kien liebes seat belt u ghalhekk l-impatt fuqu kien minhabba f' hekk ristrett.

Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut ghamel tentattiv sabiex jimmina l-valur probatorju tal-iskizz prezentat mill-pulizija billi kkontesta l-posizzjoni tal-vetturi kif hemm indikati. In propositu l-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li l-posizzjoni tal-vettura misjuqa mill-attur kif indikata fl-iskizz hija konfortata wkoll bl-affidavit ta' l-attur, ma hemm xejn x' jindika li s-surgent, parti estranea ghall-incident, li dderiga l-iskizz ma kienx preciz fl-esercizju maghmul minnu. L-iskizz huwa maghmul to scale u d-dettalji tal-qisien juru li s-surgent kien metikolus fix-xoghol tieghu u l-iskizz sar professjonalment u ghalhekk ghandu jikkostitwixxi prova valida u affidabbli ta'dak li juri.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li l-kawza prossima u immedjata tal-incident de quo kienet unikament in-nuqqas ta' diligenza da parti tal-konvenut, li c-cirkostanzi kienu jimponu fuqu, konsistenti principalment fin-nuqqas li jzomm a proper look out u fin-nuqqas da parti tieghu li jzomm distanza prudenti mill-van li kien qed jinsaq quddiemu, kif ukoll l-ispeed imprudenti, f' dawk ic-cirkostanzi.  Ghaldaqstant l-ewwel talba tal-atturi hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

*Danni*

Ferm il-premess, il-Qorti ser tghaddi ghal-likwidazzjoni tad-danni, kemm dawk emergens kif ukoll dawk lucrum cessans.

*Damnum emergens*

Illi dawn jinsabu indikati mill-attur fi prospett[12] minnu prezentat u li jammontaw komplessivament ghas-somma ta' Lm7,012, rappresentanti spejjez tal-biljetti ta' l-ajru, akkomodazzjoni, “susbsistence allowance”, spejjez medici u fisjoterapija, telf ta' qligh, spejjez u spejjez ta' nuccali.

Illi qabel xejn huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:-

[A] Illi parti mill-kura li ghamel l-attur saret barra minn Malta fuq rakkomandazzjoni tal-ispecjalista li kien qed jikkurah.  Mill-provi rrizulta li kawza ta' l-incident l-attur sofra griehi f' daru u ghonqu u minn dak in-nhar stess kien mar ghand Mr.James Casha, orthopaedic and spinal surgeon, li matul il-kura, stante li l-attur kien  migugh u li dan il-fattur kien qed jaffetwalu l-hajja lavorativa tieghu, kien rrakkomandalu sabiex jiehu opinion minghand specjalista iehor u ssuggerielu li jmur Charing Cross Hospital fl-Ingilterra sabiex jigi ezaminat Mr.Richard Coombs deskritt minnu bhala t-top spinal surgeon.  Fuq din ir-rakkomandazzjoni l-attur kien mar ghal vista l-Ingilterra, akkompanjat minn martu l-attrici, fejn dam sitt tijiem mill-4 ta' Dicembru sal-10 ta' Dicembru 1998;  u sussegwentement, peress li kien kien ghad kellu problemi mihabba l-ferita li sofra, kien rega' mar jaghmel vista ohra

[12] Dok.MS1 – fol.25 *et seq.*

l-Ingilterra fejn dam sitt ijiem mill-14 ta’ Novembru sas-19 ta’ Novembru 1999.

In propositu l-Qorti tosserva li, fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom l-attur, kemm riferibbilment ghall-ugigh li kien qed ihoss kif ukoll il-fatt li kien jirrizulta car li l-ferita li sofra f’ ghonqu kien ser ikollha effett negattiv fuq il-kumplament tal-hajja lavorativa tieghu, il-Qorti thoss li l-attur kien gustifikat li agixxa fuq ir-rakkomandazjoni tal-ispecjalista’ kuranti tieghu hawn Malta, u jaghmel vista medika, inkluzi testijiet, barra minn Malta ghand leading specialist f’ dak il-kamp. Din il-konkluzjoni ssib konfort wkoll fil-fatt li l-perit gudizzjarju rravviza dizabilita’ permanenti ta’ 15%.

Il-premess huwa konformi mal-principju assodat fil-gurisprudenza nostrana li, f’ materja ta’ restitutio in integrum, di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevolment possibbli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatti llecitu tad-danneggjant *[Vol.XL.II.653]*; izda mhuwiex obbligat li jitghabba b’ pizijiet, inkluzi dawk ekonomici, biex inaqqas din il-hsara *[Vol.XXXVIII.I.249],* ghax l-esercizju tad-dritt tar-restituzzjoni in integrum ghandu legalment iwassal ghar-reintegrazzjoni tal-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika ta’ l-event dannuz *[App.Inf. Antonio Zammit vs Mario Calleja deciza 12.10.1977].* Ghaldaqstant l-ispejjez involuti f’ dawn il-visti, u t-testijiet li saru barra minn Malta, da parti ta’ l-attur fuq rakkomandazzjoni ta’ l-ispecjalista kuranti tieghu, sabiex jassikura dijanjosi ezatta kemm jista’ jkun tal-posizzjoni medika tieghu biex tigi resa aktar effettiva l-kura, ghandhom jigu risarciti lilu.

[B] Illi punt iehor f’ dan ir-rigward li jimmerita osservazzjoni specifika jirriferi ghall-fatt ta’ l-akkompanjament tal-attur minn martu waqt il-visti medici barra minn Malta. In propositu l-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont ta’ l-eta’ [60 sena] ta’ l-attur f’ dak iz-zmien, u kunsidrata s-sitwazzjoni medika tieghu li kienet qed tirrizulta f’ ugigh f’ ghonqu u f’ daru, apparti mill-istordimenti li kienu jaghtuh, l-attur kien gustifikat li ma jsifirx wahdu; u ghalhekk l-akkompanjament minn martu ghandu jitqies bhala

necessarju, tenut kont ukoll tal-fatt notorju li l-ugigh rizultanti minn whiplash, f' certu mumenti, jista' jkun paralizzanti b' mod li l-pazjent ikollu bzonn l-ghajnuna anke biex jaghmel affarijiet bazici li jinvolvu movimenti ta' l-idejn relatati mal-ghonq u mad-dar, u tas-saqajn relatati mad-dar, bhal per ezempju, jilbes qalziet jew qmis.

Ghaldaqstant il-Qorti thoss li legalment dawn l-ispejjez ghandhom jigu risarciti bhala spejjez li l-attur kellu necessarjament jinkorri fil-kura tal-ferita li sofra minhabba l-evenut dannuz rizultat tat-traskuragni tad-danneggjant.

In fina mhux ozjusa l-osservazzjoni li f' materja ta' risarciment ta' danni l-Qorti m' ghandhiex taddotta posizzjoni daqshekk rigida li tista' twassal ghal ingustizzja mad-danneggjat, tenut kont ukoll tal-fatt li, f' dawn it-tip ta' danni, is-sistema guridiku nostrali ma jikkontemplax risarciment ghad-danni morali.

Illi l-attur sostna l-parti l-kbira tal-ispejjez minnu reklamati b' ricevuti, u din il-qorti tenut kont anke tal-fatt li l-ammonti hemm indikati jidhru li huma ragjonevoli, qeda taccettahhom bhala veritieri u accettabbli. L-ispejjez li mhux muniti b' ricevuti huma dawk relattivi ghall-biljetti ta' l-arju[13] ammontanti komplessivament ghas-somma ta' Lm560.40; dawk relattivi ghal dak li l-attur sejjeh "subsistence allowance" indikat minnu fl-ammont komplessiv ta' Lm986.09[14]; l-ispejjez tan-nuccali li nkissirlu bid-daqqa, indikati fl-ammont ta Lm150 u l-ispejjez tal-insurance tas-safar indikati fl-ammont komplessiv ta' Lm52.

In propositu l-Qorti tirrileva li, filwaqt li hija propensa li taccetta bhala ragjonevoli u affidabbli l-ispejjez indikati tal-biljetti ta' l-ajru, tan-nuccali u ta' l-insurance, ammonti rispettivament Lm560.40, Lm150 u Lm52; mhix tal-fehma li l-istima maghmula minnu ta' Lm986.09 rapprezentanti subsistence allowance ghandha tigi accettata fit-totalita taghha, u dana in vista tal-konsiderazzjoni li, anke kieku l-

[13] Liema biljetti jinsabu esebiti
[14] Stante li uhud mill-ispejjez indikati fl-imsemmi prospett huma f' lira sterlina, l-Qorti kkonvertiethom fl-ekwivalenti fi flus maltin in bazi tar-rata ta' 1.582

atturi baqghu Malta f' dawk il-perijodu huma xorta wahda kienu jinfqu flus ghal dan l-iskop. Minn naha l-ohra pero' huwa rikonoxxut il-fatt li meta persuna tkun barra minn Malta tonfoq izjed biex tmantni lilha nnifisha milli kieku kienet Malta, u ghalhekk din il-Qorti thoss li huwa ekwu li tinghata s-somma ta' Lm300 stabbilita arbitrio boni viri sabiex taghmel tajjeb ghall-ispejjez zejda li l-attur kellhom necessarjament jaghmlu f' dan ir-rigward.

Illi rigward it-telf ta' qligh li l-attur iddijara li sofra fiz-zmien li kien assenti mix-xoghol minhabba l-incident, il-Qorti thoss li l-istima minnu indikata ta' Lm3,300 hija piuttost gholja meta tigi ezaminata fid-dawl tal-pozizzjoni finanzjarja kif tirrizulta mid-dokumenti esebiti u senjatament l-income tax returns u l-prospetti annessi maghhom. Il-Qorti ghamlet is-segwenti kalkoli li wasslu ghall-figura ta' Lm2,618.76 bazata fuq il-gross income ta' l-attur ghas-sens 1997 dik precedenti ghall-incident.

Il-Qorti hadet ghalhekk hadet bhala bazi s-somma ta' Lm17,022 rapprezentanti d-dhul totali tieghu mill-esercizju tal-professjoni tieghu fis-sena 1997, li meta tigi diviza bin-numru ta' gimghat fis-sena [52] twassal ghall-figura ta' Lm327.34c fil-gimgha. Peress li jirrizulta provat u nkontestat li l-attur dam nieqes mix-xoghol ghal perijodu totali ta' tmien [8] gimghat[15], dan iwassal ghall-figura fuq indikata ta' Lm2,618.76 bhala t-telf ta' qligh li garrab matul dawn il-gimghat.[16]

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehma li l-ammont dovut lill-atturi bhala damnum emergens huwa ta' Lm5,450.47 – rapprezentanti:

| | |
|---|---|
| LM 560.40 | Biljetti ta' l-ajru |
| Lm 602.40 | Akkomodazzjoni |
| Lm 300.00 | Subsistence allowance |
| Lm1,166.91 | Spejjez medici[17] |

[15] Mis-27 ta' Novembru 1998 sal-14 ta' Jannar 1999 [7 gimghat] u mill-11 ta' Novembru sas-19 ta' Novembru 1999 [gimgha wahda] – b' kollox 8 gimghat.
[16] Lm17,022 divizi b' 52 = Lm327.34 fil-gimgha li multiplikati bi 8 gimghat = Lm2,618.76
[17] Inkluzi ma' dawn l-ispejjez huma is-somma ta' £574 Sterlina mhallsa mill-insurance BUPA International li l-attur ikkonferma bil-gurament li dina thallset bil-kondizzjoni li l-

| | |
|---|---|
| Lm 150.00 | Spejjez tan-nuccali |
| Lm 52.00 | Insurance [safar] |
| Lm2,618.76 | Telf ta' qligh |
| Lm5,450.47 | |

Lucrum Cessans
Mill-provi rrizulta li l-attur huwa dentist bi professjoni li fiz-zmien ta' l-incident kellu sittin [60] sena. Mill-kopji tal-income tax returns esebiti u tad-dokumenti annessi maghhom jirrizulta li fit-tlett snin qabel l-incident huwa dahhal introitu mill-professjoni tieghu medja ta' Lm16,618.66 fuq bazi annwali, liema figura, flimkien mas-somma ta' Lm300 in konsiderazzjoni tal-varjazzjoni fir-rata ta' l-inflazzjoni, ghandha tifforma l-bazi tal-komputazzjoni tal-lucrum cessans.

Mir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju Mr. Carmel Sciberras jirrizulta li minhabba l-griehi li garrab l-attur fl-incident de quo, dan sofra dizabilita' permanenti fil-percentagg ta' 15%, liema rapport ma giex kontrastat b' rapport ta' periti perizjuri. Di fatti lanqas kien hemm talba ghan-nomina taghhom. Ghalhekk, in bazi ghal dan il-percentagg, id-dizabilita' hija kwantifikabbli fl-ammont ta' Lm2,537.79 fuq bazi annwali, rapprezentanti 15%[18] tas-somma ta' Lm16,918.66.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza li fil-komputazzjoni tal-lucrum cessans ghandu jittiehed in konsiderazzjoni il-fattur tal-hajja lavorativa tad-danneggjat milli l-life expectancy tieghu, kif ukoll tal-fatt li din m' ghandhiex tkun necessarjament marbuta mal-eta' tal-pensjoni. Dan premess, il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz tenut kont li fid-data tal-incidetn l-attur kien fl-eta' ta' sittin [60] sena, tenut kont ukoll tan-natura tax-xoghol li l-professjoni tieghu tinvolvi, multiplier ta' hamsa [5] huwa ragjonevoli, gust u ekwu. Ghalhdaqstant l-ammont tal-lucrum cessans bazat fuq multiplier ta' hames snin iwassal ghall-figura ta' Lm12,688.99 [Lm2,537.79 moltiplikata b' 5].

---

flus jigu rimborsati lilha mill-attur f'kaz ta' ezitu posittiv ta' dawn il-proceduri. Fol. 74 u fol. 204.

[18] Vide wkoll certifikati Mr. James Casha dati 27.11.98, 15.12.98, 15.01.99 u 25.02.99 a fols. 76 sa 82, u rapport Mr. Coombs redatt fis 17.11.99

Illi minn dan l-ammont ta’ Lm12,688.99 ghandhu jitnaqqas l-ammont ta’ Lm1,522.67 rapprezentanti l-lump sum payment reduction li f’ dan il-kaz qed jigi kalkolat fuq percentagg ta’ 12% stante li l-kaz ilu li sehh seba snin [12% ta’ Lm12,688.99]. Dan l-ammont ta’ Lm1,522.67 ghandu ghalhekk jitnaqqas mill-ammont ta’ Lm12,688.99 li jwassal ghall-figura finali ta’ Lm11,166.32 dovuta lill-atturi mill-konvenut bhala lucrum cessans.

B’ hekk d-danni totali soferti mill-atturi u dovuti mill-konvenut jammontaw ghas-somma ta’ Lm16,616.79, arrotonditi ghal Lm16,617 rapprezentanti [Lm5,450.47 + Lm11,166.32].

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talbiet attrici; u tiddikjara lill-istess konvenut Coronato Galea unikament u esklussivament responsabbli ghall-incident indikat fic-citazzjoni, tillikwida d-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur fl-ammont ta’ sittax-il elf sitt mija u sbatax-il lira maltin [Lm16,617], u tikkundanna lill- konvenuti jhallsu lill-atturi din is-somma ta’ Lm16,617.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------